MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 171/2006

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Ramona Bonnici

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiz-zewg skritturi privati (Dok "A" u "B"), is-socjeta` rikorrenti kienet ikkoncediet facilita` bankarja lill-intimata Ramona Bonnici;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tinsab kreditrici tal-intimata Ramona Bonnici fis-somma ta' ghaxart elef, hames mija u sitta u tmenin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm10,586.40) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Ramona Bonnici mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C" u

Dok “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-9 ta’ Frar 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija skritturi privati fuq imsemmija (u esebiti bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ramona Bonnici (a) kienet naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minhha assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u /jew (c) kien hemm bidliet materjali li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

4. Illi r-rikorrenti nomine kien jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-intimata kienet giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Dicembru 2005 li kopja taghha kienet qed tigi esebita mar-rikors u mmarkata Dok “E”, sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din kienet baqghet inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir il-kawza odjerna.

Ghaldaqstant il-bank rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsmemija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u esebiti bhala Dokumenti “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ramona Bonnici (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsmemija skritturi privati; (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minhha assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess intimata Ramona Bonnici li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Ramona Bonnici thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ ghaxart elef, hames mija u sitta u tmenin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm10,586.40) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Ramona Bonnici

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C” u “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-9 ta’ Frar 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Dicembru 2005 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li gew prezentati mar-rikors kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fit-13 ta’ Gunju, 2006 Dr. Rachel Loporto Montebello fil-prezenza tal-intimata, ipprezentat nota ta’ ammissjoni ghall-istess intimata fir-Registru tal-Qorti.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom fis-sens li tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsmemija fl-iskritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ramona Bonnici (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsmemija skritturi privati; (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minhha assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess intimata Ramona Bonnici li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici. Il-Qorti tikkundanna lil Ramona Bonnici thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ ghaxart elef, hames mija u sitta u tmenin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm10,586.40) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Ramona Bonnici mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C” u “D”) flimkien ma’ l-

imghax ulterjuri mid-9 ta' Frar 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Spejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Dicembru 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------